MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1117/2010

**First United Insurance Brokers Limited**
**C-22502**

**vs**

**Stephen Piccinino**
**I.D. 15976(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici, talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta’ disa’ mija u tlieta u hamsin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€953.97), ammont dovut in konnessjoni ma hlas fuq polza ta’ l-assigurazzjoni, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda’ baqa’ inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' disa' mija u tlieta u hamsin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€953.97), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------